MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1157/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Cavallo skond il-Ligi u l-polza ta' assigurazzjoni**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm257.00), rapprezentanti danni li saru fil-proprjeta` ta' l-assigurat ta' l-attur f'Plot 5 N/S off Farfett il-Flagell Street, St. Peter's Area, minhabba "surge" ta' l-elettriku li sehh fid-19 ta' Mejju 2001, f'103 Paola Square, Paola, li ghalihom huwa gie**

**kompensat mill-attur a bazi ta' polza ta' assigurazzjoni, liema hsarat huma imputabbli ghall-konvenut u kwantu ghall-wiehed u ghoxrin lira Maltija (Lm21.00) rapprezentanti spejjez u drittijiet ta' ittra ufficjali tat-8 t'April, 2002;**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-interessi mit-8 t'April, 2002 kontra l-konvenut, liema konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta prezentata fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intqal illi s-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici rigwardanti l-pretensjonijiet taghha mertu tal-prezenti.**

**Semgha x-xhieda ta' Alberto Bisazza ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi s-socjeta` attrici qed titlob l-ammont ta' mitejn u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm257.00) bhala danni li bghata l-assigurat taghhom Joseph Cavallo.**
**2. Id-Dok.C esebit huwa prova li s-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-klijent taghhom. Ghalhekk mhix sostenibbli l-eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta li m'hemm ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.**
**3. Il-Korporazzjoni konvenuta esebiet estratt mill-Att ta' l-Enemalta, Kap.272, u jghid li:**
**"Enemalta ma tkun responsabbli ghal ebda hsara lil persuna jew proprjeta` jew ghal xi twaqqif fil-provvista ta' l-energija li jkunu graw minhabba incident li ma setax jigi evitat, tqabir u kedd bl-uzu xieraq jew taghbija zejda minhabba konnessjoni ta' apparat mhux awtorizzat, jew minhabba l-htigijiet ragonevoli tas-sistema elettrika, jew minhabba xi difetti f'xi stallazzjoni elettrika mhux provduta mill-Korporazzjoni."**
**4. It-Tribunal jinnota li filwaqt li f'ebda waqt ma gie kontestat li d-danni effettivament saru minhabba**

**“surge” li kien hemm fis-sistema ta’ l-elettriku, dana lanqas ma gie pruvat. Min jallega irid jipprova, u ghalkemm ingiebu provi dwar id-danni subiti, ma ingiebitx il-prova dwar x’kien li kkawza dawn id-danni, u jekk effettivament dawn id-danni grawx minhabba il-Korporazzjoni konvenuta, jew minhabba xi incident li ghalih setghet tkun tenuta responsabbli l-istess Korporazzjoni.**

**Ghaldaqstant filwaqt li qed tigi michuda l-eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta dwar li ma hemm ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici, peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**